Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2016.

Appell numru: 603/2015
Wara l-ittra ufficjali 603/2015 fl-ismijiet:

**Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex** (appellata)

**Vs**

**Miriam Ciliberti** (appellanti)

1. Fl-24 ta' Settembru 2015, l-appellanti pprezentat rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, fejn talbet dikjarazzjoni li m'hijiex debitrici tal-appellata ghas-somma ta' €547.40, u dan minhabba li l-pretensjoni hi preskritta skont l-Artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili u l-Artikolu 2149(e) kif kien qabel l-emenda li dahlet fis-sehh bl-Att VIII tal-2007.

2. L-appellata ssostni li l-appellanti hi debitrici taghha, dritt tar-Registru fil-kawza **Francesca Sultana vs Joseph Sultana et**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-26 ta' Marzu 2004.

3. B'decizjoni tal-15 ta' Dicembru 2015, l-ewwel qorti cahdet it-talba tal-appellanti wara li osservat:

   *"Illi rrizulta car lil din il-qorti li r-rikorrenti hija ben konxja li l-ammont dovut lir-Registratur ghadu ma thallasx u fl-ebda hin ma stqarret li ma tiftakarx jew li dan ma ghandux jithallas, izda unikament baqghet issostni li bhala l-attrici li rebhet il-kawza ma ghandhiex tkun hi li tintalab thallas.*

   *Illi dak sostnut mir-rikorrenti huwa legalment zbaljat stante li r-Registratur ghandu kull dritt fil-ligi li jigbor id-drittijiet dovuti lilu minghand l-atturi, u cioe' l-persuni li jkunu ntavolaw il-kawza u mhux minn min jigi ordnat li jhallas l-ispejjez mill-Qorti. Ovvjament dan salv u mpregudikat id-dritt tal-attrici li tigi rimborzata dawn l-ispejjez mill-konvenut.*

   *Illi l-qorti tqis li fic-cirkostanzi u in vista tax-xhieda tar-rikorrenti, ai termini tal-artikolu 2160, stante li l-attrici kkonfermat li l-ammont huwa dovut izda bbazat il-pretensjonijiet taghha li dan mhux dovut minnha izda minn terz unikament fuq il-fehma taghha jew pretensjoni legalment zbaljata li dawn huma dovuti lir-Registratur mill-konvenut u mhux minnha, ladarba gie ddikjarat li legalment il-pretensjoni taghha li l-ammont huwa dovut minn haddiehor u mhux minnha ma tregix, ir-rikorrenti ghandha tinftiehem li kkonfermat id-debitu u b'hekk ma tistax tigi applikata favur taghha l-preskrizzjoni."*

4. L-appellanti appellat mis-sentenza. L-aggravju hu li fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2015, inghatat il-gurament decizorju skond l-Artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili fejn iddikjarat li m'hijiex debitrici. Fil-fatt eskludiet li ghandha thallas lill-appellata. Kienet l-istess qorti li kkonfermat li l-appellanti "*baqghet*

*dejjem issostni li hija ma ghandha taghti xejn,"* ghar-raguni li l-kawza in kwistjoni inqatghet bl-ispejjez kontra l-konvenut u hi qatt ma thallset minghand il-konvenut, kif ukoll ma hallsitx ghaliex issostni li l-hlas kellu jsir mill-konvenut.

5. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:

6.1 L-appellanti kienet attrici fil-kawza **Francesca Sultana vs Joseph Sultana et** (Avviz 56/1999/1), deciza fis-26 ta' Marzu, 2004 favur taghha. Sentenza li giet konfermata minn din il-qorti b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2005 (fol. 9).

6.2 Fl-14 ta' Settembru 2015, l-appellata pprezentat ittra ufficjali (fol. 22) *a tenur* tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, fejn interpellat lill-appellanti thallas is-somma ta' €547.40, bilanc dovut bhala dritt tar-Registru fil-kawza fuq imsemmija. Mal-ittra ufficjali hemm dikjarazzjoni guramentata tal-appellata li kkonfermat li l-hlas ghadu ma sarx.

6.3 Fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2015, xehedet l-appellanti li kkonfermat li l-kont ma hallsitux. Ir-raguni li tat kien minhabba li rebhet il-kawza. Fuq domanda tad-difensur tal-appellanti jekk ma kinitx hallset ghaliex kienet rebhet il-kawza, wiegbet: *"ezatt !"* Fuq domanda tal-qorti, *"Wara li spiccat il-kawza, l-ispejjez tal-Qorti, lir-Registratur, inti gejt thallashom ? Jew xi hadd hallashom ghan-nom tieghek?"*, it-twegiba kienet, *"Le."*

6.4 Suppost meta jinghata l-gurament li jissemma' fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, issir domanda wahda biss. Pero' fil-kaz in ezami saru diversi domandi lill-appellanti. Madankollu mill-atti ma jirrizultax li saret oggezzjona waqt li l-appellanti kienet qeghdha tixhed.

6.5 Irrispettivament x'kienet ir-raguni ghalfejn ma hallsitx, l-appellanti **ammettiet li ma hallsitx**. Skont l-Artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili, il-preskrizzjonjiet fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, *"... m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li **mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.**"*

6.6 Fis-sentenza **Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal:

*""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "Dr. Toni Abela nomine -vs- Maurice Vassallo", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta'*

*spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi* ***imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx****. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt";"*

*"Anke jekk il-fattispeci kienu distinti, jghodd ghal kaz dak stabbilit fid-decizjoni a Vol. XXXVII P I p 307, u cjoe, illi "ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b' att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".*

(ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-24 ta' Gunju, 2016 fil-kawza **George Debattista et vs Id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt et**, fejn ukoll id-debitur ikkonferma li ma kienx hallas. **Il-qorti qalet li ladarba d-debitur jammetti li ma hallasx, tfalli l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni**). A bazi ta' dan l-insenjament li wara kollox jirrifletti dak li jipprovdi l-Artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili, l-appellanti ma tista' tirnexxi fl-argument li l-pretensjoni tal-appellata hi preskritta.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur